MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-17 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 94/2003

**Emanuel Bonnici**

**vs**

**Teddy Farrugia**

**u**

**b'digriet tat-3 ta' Dicembru 2003 giet kjamata in kawza s-socjeta' Farrugia Bros. Gozo Transport Limited**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Li l-attur li kien jahdem bhala burdnar mal-konvenut qatt ma thallas tas-sieghat zejda li hadem matul dan l-ahhar sentejn u dan mid-data ta' ittra legali datata 2 ta' Awissu 2003 mibghuta lill-konvenut li huwa baqa inadempjenti;

Li dan il-hlas huwa ta’ overtime bhala burdnar liema sieghat zejda sallum qatt ma thallas.

Bl-ispejjes, inkluza din ta’ l-ittra legali datata 2/8/03, u l-imghax legali mid-data tal-avviz.”

Ra r-risposta:

1. “Illi in linea preliminari l-eccipjenti mhuwiex il-legittimu kontradittur billi l-attur ghaz-zmien imsemmi fl-Avviz ma kienx impjegat mal-konvenut u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, fil-meritu t-talba attrici hija nfondata fid-dritt u fil-fatt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur;

3. Illi l-eccipjenti m’ghandu jaghti xejn mill-ammont pretis mill-attur, u fi kwalunkwe’ kaz is-somma li qeghdha tintalab hija eccessiva;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.”

Sema’ l-provi;

Ikkunsidra:

L-attur qieghed ifittex lill-konvenut ghas-sieghat zejda li hadem f’dawn l-ahhar sentejn mal-employer tieghu u mill-atti processwali rrizultat li hija s-socjeta’ Farrugia Bros. Gozo Transport Limited. Huwa xehed li huwa kien impjegat ma’ din id-ditta u li kien jithallas il-paga minima - li rrizulta mill-FS3 (fol 36) li ghall-kategorija ta’ impjieg tieghu – dik ta’ trakk driver – kienet LM51.52c fil-2002. Mistoqsi jekk hux minnu li kien jircievi LM80 fil-gimgha wiegeb hekk kif jirrizulta mit-traskrizzjoni tax-xhieda tieghu verbatim a fol 33: *nghid illi m’ghandikx provi. Il-flus kont nircevihom minghand Albert Farrugia li kien il-managing director tal-kumpannija, illum mejjet. Il-paga kont*

*nirceviha dejjem cash.* Ghalhekk il-konvenut ma cahadx dak li gie suggerit lilu in kontro-ezami.

U provi dwar ic-cifra ta’ LM80 l-imsejjha fil-kawza gabet bl-abbundanza: apparti ktieb tan-negozju esibit ikkonfermaw din ic-cifra l-konvenut Teddy Farrugia li kien jghaddi l-pagament fi flus kontanti lill-attur; Godwin Attard, li ghal xi zmien kien impjegat mal-kumpannija jiehu hsieb il-kotba taghha u ta’ sikwit kien ikun prezenti meta kien isir il-hlas; Paul Camilleri, impjegat iehor li wkoll kien xhud okulari tal-hlas apparti li kien izomm il-kotba tan-negozju. Dawn iz-zewg impjegati anzi ziedu li l-bolla kienet tithallas kollha kemm hi mill-employer u ghalhekk realment l-attur kien qieghed jiricievi iktar minn LM80 paga; it-LM80 kienet biss is-somma li kien qieghed jehodhom netti f’idejh.

Illi ghalhekk l-attur mhux talli ma rnexxilux jipprova l-pretenzjoni tieghu li ma thallasx tal-overtime – haga li kien jinkombi fuqu illi jaghmel – imma l-kjamat in kawza ippruvat il-kuntrarju hi.

Ghaldaqstant it-Tribunal m’ghandu l-ebda triq ohra ghajr li jaqta’ u jiddeciedi billi jichad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjez a kariku tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------